**FIT - TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR**

***SMALL CLAIMS TRIBUNAL***

## GUDIKATUR: DR JOSEPH BONNICI LL.D.

## SEDUTA TA' NHAR IT-TNEJN 13 TA' MEJJU, 2002

**Numru: 11**

**Avviz Nru: 499/02 JB**

**International Automobiles Limited**

**vs**

**Joseph u Ruth konjugi Farrugia**

**It-Tribunal,**

Wara li ra t-talba attrici ghall-kundanna tal-konvenuti ghall-hlas tas-somma ta' Lm261.15c (mitejn u wiehed u sittin lira Maltin u hmistax il-centezmu) import ta' hames (5) kambjalijiet li gew iffirmati mill-konvenuti u li skaddew izda baqghu ma' thallsux u dana nonostante li gew diversi drabi interpellati.

Ra n-nota ta' cessjoni datata 13 ta' Marzu 2002, izda zamm ferm il-kap tal-ispejjez;

Bl-ispejjez, komprisi dawk t' Ittra Ufficjali datata 3 ta' Jannar 2002, ta' Mandat ta' Sekwestru ipprezentat kontestwalment mat-Talba u tal-parir (Lm15.00c) kontra l-konvenuti u bl-imghax legali kontra l-istess konvenuti mid-data ta' kull skadenza, li gew ingunti ghas-subizzjoni.

Ra li l- konvenuti baqghu ma pprezentawx risposta ghalkemm debitament notifikati;

Sema lil Dr Louis Bianchi jikkonferma bil-gurament li l-ammont mitlub ghadu ma thallasx;

Jiddeciedi billi jilqa t-talba attrici u jikkundanna lill-konvenuti ihallsu s-somma ta' Lm261.15c (mitejn u wiehed u sittin lira Maltin u hmistax il-centezmu) import ta' hames (5) kambjalijiet li gew iffirmati mill-konvenuti u li skaddew izda baqghu ma thallsux u dana nonostante li gew diversi drabi interpellati, bl-ispejjez u bl-interessi skond il-ligi.

**Dr Joseph Bonnici**
**Gudikatur**